**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum l-1 ta' Novembru, 2018

Rikors Nru : 274/18 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-Parrocca ta' Santa Maria f'Birkirkara u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;
3. Illi l-partijiet ilhom aktar minn erba' (4) snin illi sseparaw minn ma xulxin u dan ferm qabel sar il-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok B;

4. Illi l-partijiet huma domiciljati f'Malta u hadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jghaddi manteniment;
5. Illi ma hemm ebda possiblita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Talab ghar-ragunijiet premessi sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna illi wara li jghaddi z-zmien utili skont il-Ligi, kopja tad-Digriet relattiv tigi kkomunikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi debitament registrat skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi l-esponenti tikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu;

Illi l-esponenti tirrileva umilment li ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin u lanqas hemm il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni;

Illi l-esponenti ghaldaqstant m'ghandha l-ebda oggezzjoni li tigi pronunzjata d-divorzju bejnha u r-ragel taghha billi ilhom aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi l-esponenti tirrileva li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrenti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Lulju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Dicembru 2014, u de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.